

# Is-Sacra Infermeria

> Meta l-binja ħadet il-forma aħħarija tagħha kellha fiha waħda mill-itwal swali fl-Ewropa ta' dak iż-żmien, sala li għadna narawha u nużawha; sala twila 155 metru



Fr Reno Muscat
renosop@gmail.com

Waħda mill-binjiet li l-Kavallieri ta' Malta ħasbu li jibnu fil-Belt Valletta kienet dik li huma sejħu s-Sacra Infermeria, jew aħjar il-post li kien iservi biex fih jiġu kkurati l-morda.

Ma rridux ninsew li l-Ordni ta' San Ġwann minbarra li kien Ordni ta' Kavallieri u għalhekk kien dmirhom li jissieltu, kien ukoll fl-istess waqt Ordni ta' Ospitalieri għalhekk kellhom ukoll id-dmir li jikkuraw lill-morda.

### Ftit storja

Il-bini ta' dan il-post enormi nbeda lejn tmiem is-sena 1574 meta l-Ordni ta' San Ġwann u għalhekk anke pajjiżna kienu mmexxija mill-Gran Mastru Franċiż Jean de la Cassiere. Ma rridux nimmaġinaw li l-bini li naraw illum sar f'daqqa għax fis-sewwa dan tkabbar kemm-il darba sa taħt it-temxxija tal-aħwa Aragoniżi il-Gran Mastri Rafel u Nikola Cotoner bejn l-1660 u l-1666. Allura dlonk nindunaw li l-bini baqa' jitkabbar jew jinbidel għall-aħjar għal aktar minn disgħin sena.

Meta l-binja ħadet il-forma aħħarija tagħha kellha fiha waħda mill-itwal swali fl-Ewropa ta' dak iż-żmien, sala li għadna narawha u nużawha; sala twila 155 metru. Bħala sptar dan il-post kien meqjus wieħed mill-aqwa fl-Ewropa u kien jista' jilqa' fih aktar minn disa' mitt pazjent, numru tabilħaqq kbir għal dawk is-snin.

Fl-1676 f'dan l-isptar twaqqfet l-iskola tal-Anatomija li nistgħu ngħidu kienet il-bidu tal-iskola tal-mediċina f'Malta. Meta Napuljun Bonaparti u s-suldati tiegħu keċċew lill-Kavallieri minn pajjiżna, is-Sacra Infermeria baqgħet isservi bħala sptar militari. Minkejja ż-żmien qasir ta' dawn il-ħakkiema fuq artna, huma għamlu xi tibdil fil-bini li qed insemmu biex ikollu ventilazzjoni aħjar.

Mal-qawma tal-Maltin kontra l-mexxejja mhux mixtieqa minnhom u l-imblokk tal-Franċiżi, dan l-isptar spiċċa ħażin għax ma kellux ikel u xorb biżżejjed għall-pazjenti ta' ġo fih.

L-Ingliżi żammew dan il-bini bħala sptar għal xi żmien ukoll. Billi hu qrib, nistgħu ngħidu max-xatt tal-Port il-Kbir, iċ-ċentru tal-kummerċ tal-pajjiż kollu, is-Sacra Infermeria, li bdew isejħu Knights Hall, serviet bħala sptar għall-baħħara li jaslu Malta morda u għall-morda b'mard serju.

It-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija ra wkoll it-tmiem ta' dan il-bini bħala sptar. Issa l-bini beda jintuża bħala Kwartieri Ġenerali tal-pulizija. Matul it-Tieni Gwerra Dinija dan il-bini ntlaqat bosta drabi u ħafna minnu twaqqa'.

### Restawr

Mis-sala t-twila kien fadal biċċa mhux ħażin li baqgħet mhux minsusa bil-gwerra għalhekk wara dak iż-żmien ta' qerda, parti minn din is-sala sar post ta' divertiment għat-truppi Brittaniċi. Infetaħ ukoll teatru għat-tfal u aktar tard dan il-post beda jintuża bħala sala għall-eżamijiet tal-kbar, dawk li kienu jissejħu *General Certificate of Education* (GCEs).

Iżda kulma jmur il-binja kienet qed tiddeterjora u kien hemm bżonn ta' restawr. Saru bosta tentattivi biex dan il-bini jkun restawrat imma l-akbar xogħol seħħ lejn tmiem is-snin sebgħin tas-seklu li għadda fejn sar xogħol kbir biex infetħet Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

L-aktar li nafu bihom huma s-sala t-twila li għandha suffett tas-saqaf tal-injam mill-isbaħ u s-sala Repubblika li fiha jsiru l-aktar avvenimenti jew festivals importanti fil-pajjiż. Biss dan mhux kollox. Fil-binja hemm bosta swali oħra bħal dawk imsejħin għal La Cassier, Perellos, Vassalli u Temi Zammit.

Insibu wkoll restaurant li kapaċi jilqa' fih sa elf ruħ, naħseb li dan hu l-akbar post tal-ikel f'Malta. Meta kien lest dan il-proġett ta' restawr estensiv, u l-post kien inawgurat fil-11 ta' Frar 1979, kien deskritt bħala xogħol stupend u tassew kien hekk għaliex il-post ingħata l-premju *Europa Nostra;* il-premju għall-ħarsien tal-patrimonju Ewropew.

### Diżgrazzja

Fil-25 ta' Marzu tas-sena 1987 fil-post kienet qed issir konferenza ta' kumpanija barranija. Kien intuża *laser* li f'ħin minnhom kien ippuntat lejn il-purtiera tal-palk u din ħadet in-nar. Ma damx wisq ma nfirex il-ħruq li tant kien kbir li parti mis-saqaf tas-sala ċediet. Il-ħsara li telgħet għal miljuni ta' ewro ġiet imsewwija u sar il-ftuħ mill-ġdid tal-post fl-4 ta' Ottubru 1989.

Żgur li l-Maltin jiġuhom f'moħħhom żewġ avvenimenti meta nsemmu Dar il-Mediterran: il-festival tal-Kanzunetta għall-Ewropa u l-Fiera tal-Ktieb. Dawn huma żewġ avvenimenti li jiġbdu eluf kbar ta' Maltin lejn dan il-post imma dawn ma humiex l-attivitajiet waħdanin li jsiru hemmhekk.

Matul is-sena jsiru għadd ta' rappreżentazzjonijiet u attivitajiet oħra ta' livell għoli li jkun jixraq li jsiru f' dan il-post tant prestiġjuż.

Is-Sacra Infermeria, l-isptar militari, id-Depot tal-Pulizija, sala tat-teatru, sala tal-eżamijiet u Ċentru tal-Konferenzi. Kemm għaddiet minn storja twila din il-binja li taħkem fuq is-swar tad-daħla tal-Port il-Kbir. Tajjeb li meta nżuru dan il-post niftakru l-għan li għalih inbniet u x'serviet matul is-snin għaliex hi parti mill-istorja tagħna, hi binja importanti fil-Belt Valletta, il-Belt Kulturali Ewropea tas-sena 2018